# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 452.65

## ORDNI TA' *STANDARD* NAZZJONALI DWAR ŻIEDA FIL-PAGA

*L-AVVIŻI LEGALI 169 tal-1989, 210 tal-1990 (kif emendat bl-Avviż Legali 192 tal-1991), 192 tal-1991 (kif emendat bl-Avviż Legali 127 tal-1992), 127 tal-1992, 179 tal-1993, 185 tal-1994 (kif emendat bl-Avviż Legali 117 tal-1995), 188 tal-1995 (kif emendat bl-Avviż Legali 15 tal-1996); in-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 62 tal-1997; u l-AVVIŻI LEGALI 6 u 223 tal-1997, 271 tal-1998, 219 tal-1999, 266 tal-2000, 308 tal-2001, 377 tal-2002, 419 tal-2003, 507 tal-2004, 411 tal-2005, 332 tal-2006 (konsolidati, u kif emendati bl-Avviż Legali 427 tal-2007) u l-Avviżi Legali 428 tal-2007, 340 tal-2008, 377 tal-2009, 526 tal-2010, 501 tal-2011, 492 tal-2012, 442 tal-2013, 485 tal-2014, 430 tal-2015, 417 tal-2016 u 366 tal-2017, konsolidati.*

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' *Standard* Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga. Titolu.

**2.** F'dan l-Ordni - Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; u Kap. 452.

"Ftehim" tfisser il-Qbil Nazzjonali dwar Relazzjonijiet Industrijali iffirmat fl-10 ta' Diċembru, 1990 bejn il-Gvern, it-*Trade Unions* u Organizzazzjonijiet ta' Prinċipali kif rappreżentati fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku, liema ftehim sar bl-ilsien Malti u l-verżjoni Ingliża hija traduzzjoni tiegħu;

"*increment* ordinarju" tfisser żieda fil-paga annwali jew perjodika li impjegat huwa intitolat għaliha biex javvanza minn punt għall-ieħor ta' skala ta' paga stabbilita minn qabel;

"impjegat *whole-time*" għandu jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha f'kundizzjonijiet tal-impieg magħrufa skond l-artikolu 10 tal-Att.

**3.** Iċ-ċifra ta' żieda fil-pagi għall-għoli tal-ħajja determinat skond il-provvedimenti tal-paragrafi 1.2 u 1.3 tal-Ftehim, li t-taqsimiet 1 sa 6 tiegħu qed jiġu riprodotti bħala Skeda A ma' dan l-Ordni, ġiet stabbilita skond l-Iskeda B ta' dan l-Ordni, skond kif jipprovdu t-taqsimiet 1, 2 u 3 tal-Ftehim u għandha tiġi implimentata kif stipulat fl-imsemmi Ftehim. Aġġustament għall-għoli tal-ħajja.

**4.** Iċ-ċifra taż-żieda msemmija fl-Iskeda B għandha tapplika, kif stipulat fit-taqsima 3 tal-Ftehim, għall-impjegati *whole-time* li mhumiex koperti bi ftehim kollettiv. Impjegati mhux koperti bi ftehim kollettiv.

**5.** B'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1992, il-paga minima nazzjonali fil-ġimgħa, relatata għal ġimgħa ta' xogħol normali, għandha tkun kif ġej: Paga minima nazzjonali. *Emendat: A.L. 427 tal-2007.*

18-il sena u fuqhom .............................. €83.00 fil-ġimgħa;

17-il sena ........................................... €76.22 fil-ġimgħa;

taħt is-17-il sena .................................. €73.35 fil-ġimgħa.

Impjegati *part-time.*

**6.** Ħaddiema *part-time* għandhom jitħallsu *pro rata*, b'rata fis-siegħa ta' mhux anqas mill-paga minima nazzjonali maħduma skond l-artikolu 5 ta' dan l-Ordni diviża b'erbgħin.

Żieda għall-għoli tal-ħajja titħallas darba.

**7.** Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel ta' dan l-Ordni, ebda prinċipal ma jkun meħtieġ li jħallas iż-żieda għall-għoli tal-ħajja jew xi parti minnha maħsuba b'dan l-Ordni aktar minn darba waħda matul is-sena kalendarja li għaliha tkun tirreferi ż-żieda fil-paga.

---

**SKEDI**

*Sostitwita: A.L. 427 tal-2007.*

SKEDA A

(Artikolu 3)

FTEHIM

A. Politika Nazzjonali li Tirregola l-Pagi

**l. Kumpens għall-Għoli tal-Ħajja**

1.0 Iż-żjieda fl-għoli tal-ħajja tkun maħduma mill-Istatistiku tal-Gvern skond l-istatistika tar-*retail price index* maħduma taħt id-direzzjoni tal-kumitat tripartit indipendenti mwaqqaf biex jassigura l-ħdim ekwu ta' din l-istatistika.

1.1 Kull sitt xhur tul it-terminu ta' dan il-ftehim, il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku jinforma l-partijiet kollha bil-movimenti mbassra tar-*retail price index* għat-tliet snin ta' wara. Dan it-tbassir iservi bħala indikazzjoni fin-negozjati għall-ftehim kollettiv ġodda u ma jkunx pubblikat.

1.2 Għall-finijiet ta' dan il-ftehim, il-perċentwali taż-żjieda fl-għoli tal-ħajja li għandu jkun meħud fil-kalkolu tal-COLA għal kull sena ikun determinat mill-moviment li jirriżulta fl-indiċi (*annual average*) fit-tnax-il xahar li jagħlqu fl-aħħar ta' Ġunju tas-sena ta' qabel.

1.3 Għandha tkun stabbilita ċifra ta' żjieda fil-pagi għall-għoli tal-ħajja (COLA) billi:

1.3.1 Il-perċentwali stabbilit f'paragrafu 1.2 ikun applikat fuq paga ta' tlieta u disgħin euro u sbatax-il ċenteżmu (93.17) liema ammont jiżdied fl-ewwel ta' Jannar ta' kull sena bl-ammont ta' COLA stabbilit.

1.3.2 Ir-riżultat jiżdied jew jitnaqqas biex jersaq għall-eqreb euro u sittax-il ċenteżmu (1.16).

1.3.3 Din iċ-ċifra titnaqqas bl-ammont ta' benefiċċji soċjali li l-Istat jista' jagħti matul is-sena li tibda minn meta din iż-żjieda tkun effettiva. Appendiċi I juri d-dettalji tal-paga soċjali.

1.4 Iż-żjieda għall-għoli tal-ħajja tkun effettiva fuq iż-żjidiet li jaqgħu wara l-ewwel ta' Jannar wara d-data li tkun stabbilita.

1.5 Il-partijiet kollha għal dan il-ftehim jirriaffermaw l-impenn tagħhom li fl-interess tal-kompetittività tal-azjendi tagħna, ikun hemm kontroll tal-għoli tal-ħajja.

**2. Ftehim Kollettiv**

2.0 Kull ftehim kollettiv għandu jkun jorbot fuq tul ta' mhux inqas minn tliet snin.

2.1 Ħlief għal providimenti oħra f'din it-taqsima, il-pagi kif maqbula fil-ftehim kollettiv ikunu dawk effettivi tul it-terminu kollu tal-ftehim.

2.2 Il-ftehim kollettiv għandu jindika ċ-ċifri ta' tbassir tal-għoli tal-ħajja komunikati skond paragrafu 1.1 u meħuda bħala bażi fil-ftehim għal żjidiet fil-pagi.

2.3 Meta f'xi sena ż-żjieda tal-ftehim kollettiv tkun inqas mill-COLA, allura għandha tingħata żjieda supplimentari biex iż-żjieda effettiva tkun daqs il-COLA.

2.4 Fil-bidu tal-aħħar sitt xhur tal-ftehim kollettiv, għandhom ikunu stabbiliti:

2.4.1 L-ammont ta' żjieda attwalment mogħtija tul il-ftehim.

2.4.2 Iż-żjieda li kienet tingħata fil-każ li ż-żjidiet maħsuba aktar mill-COLA mbassra żdiedu ma' l-ammonti attwali ta' COLA tul it-terminu tal-ftehim.

2.5 Id-differenza bejn dawn l-ammonti sija favur il-ħaddiem u sija favur min iħaddem, għandhom ikunu kompensati kif miftiehem bejn iż-żewġ partijiet, fil-Ftehim Kollettiv ta' wara.

2.6 Hu mifhum li l-provedimenti f'paragrafi 2.4 u 2.5, għalkemm japplikaw għal kull ftehim kollettiv milħuq waqt it-terminu ta' dan il-qbil, huma meqjusa bħala transitorji fl-iżvilupp lejn negozjar aktar ħieles.

**3. Ħaddiema mhux koperti b'xi ftehim kollettiv**

3.0 F'każ ta' ħaddiema li ma jkunux koperti b'xi ftehim kollettiv, il-Gvern għandu jieħu dawk il-miżuri meħtieġa biex kull COLA tiżdied mal-pagi tagħhom b'effett mill-ewwel ta' Jannar ta' kull sena.

**4. Tribunal ta' Arbitraġġ Finanzjarju**

4.0 F'każ li xi azjenda, fi kwalunkwe stadju tal-ftehim kollettiv, tiddikjara li, għal raġuni jew raġunijiet li tħoss li jkunu validi, ma tkunx f'qagħda li tagħti kif miftiehem iż-żjidiet jew xi parti minnhom, għandha tfittex reviżjoni tal-qbil tagħha mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u, fejn dan ma jintlaħaqx, wieħed mill-partijiet jew it-tnejn flimkien, għandhom il-jedd li jressqu l-każ quddiem tribunal indipendenti mwaqqaf minn qabel għal dan il-għan.

4.1 It-tribunal għandu jkun magħmul minn *chairperson* u żewġ membri.

4.1.1 Għal dan il-għan, għandhom jiġu magħmula żewġ listi bi qbil bejn it-tliet naħat; waħda ta' mhux anqas

minn ħames persuni adatti għal *chairperson* u l-oħra ta' mhux anqas minn għaxar persuni li jistgħu jkunu membri tat-tribunal.

4.1.2 Qabel kull każ għandhom jittellgħu bix-xorti fil-preżenza tal-partijiet konċernati l-ismijiet ta' *chairperson* u żewġ membri. Għal dan il-għan, id-data, il-ħin u l-post għandhom jiġu notifikati lill-partijiet mill-awtorità responsabbli.

4.2 Kull membru tat-tribunal qabel jibda fil-kariga tiegħu għandu jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, fuq formula preskritta għal dan il-għan, li fiha jistqarr li m'għandu interess personali ta' ebda xorta, la dirett u lanqas indirett, fil-każ quddiemu u li jista' jkun ta' konflitt mal-kariga tiegħu bħala membru tat-tribunal.

4.3 It-tribunal għandu jistħarreġ il-każ u f'mhux iżjed minn tliet xhur minn dakinhar li l-każ jiġi lilu riferit jiddeċiedi liema żjieda jew żjidiet minn dawk miftiehma jkunu jistgħu jitħallsu mill-azjenda.

4.4 It-tribunal ikollu s-setgħa li jsejjaħ kull persuna oħra quddiema biex iressaq ix-xhieda tiegħu b'affidavit u/jew jagħti evidenza u/jew jipproduċi kotba u/jew dokumenti oħra kollha rilevanti.

4.5 It-tribunal ikollu s-setgħa li jamministra l-ġurament lil kull persuna li tidher quddiemu meta u jekk iħoss il-ħtieġa.

4.6 Kull membru tat-tribunal jirċievi rimunerazzjoni xierqa għal kull każ li jisma'.

4.7 Kull deċiżjoni tat-tribunal tkun finali u tkun torbot lill-partijiet. Hu mifhum li ċ-ċirkostanzi eżaminati mit-tribunal jiġu meqjusa li jkomplu fis-seħħ għal żmien sena, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu tkun torbot biss għal sena jew sa meta tasal xi żjieda oħra fil-Fterim Kollettiv u b'riżultat ta' dan il-Ftehim.

**5. Ċirkostanzi Straordinarji**

5.0 Jibqa' miftiehem li fejn u meta jinqalgħu ċirkostanzi straordinarji li minħabba fihom l-ekonomija tal-pajjiż, fil-fehma unanima tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku, ma tkunx tiflaħ issostni xi waħda jew iż-żjidiet kollha miftiehma, allura l-Kunsill jista' jawtorizza tibdil f'dan il-ftehim taħt dawk it-termini u għal dak il-perijodu li l-istess Kunsill jista' jiddetermina. Qed jingħataw eżempji ta' ċirkostanzi straordinarji bħal dawn fl-Appendiċi II.

5.1 Għall-finijiet tal-artikolu 5.0, il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku għandu, mhux aktar minn tliet xhur mit-tmiem ta' kull trimestru, jagħti lill-partijiet imsieħba fi ħdanu, rapport biċ-ċifri relevanti.

**6. Terminu ta' dan il-ftehim**

6.0 Dan il-ftehim għandu jorbot għal tliet snin minn dak inhar li jiġi iffirmat.

6.1 Kull sentenza tat-tribunal ta' arbitraġġ finanzjarju tibqa'

tapplika tul is-sena sħiħa kif stipulat f'sub-paragrafu 4.7 ta' dan il-ftehim, saħansitra jekk matul dak iż-żmien jiskadi dan il-ftehim.

SKEDA B

*Sostitwita: A.L. 427 tal-2007. Emendata: A.L. 340 tal-2008; A.L. 377 tal-2009; A.L. 526 tal-2010; A.L. 501 tal-2011; A.L. 492 tal-2012; A.L. 442 tal-2013; A.L. 485 tal-2014; A.L. 430 tal-2015; A.L. 417 tal-2016; A.L. 366 tal-2017.*

(Artikoli 3 u 4)

**Żidiet għall-għoli tal-ħajja għal impjegati *whole-time***

| Kolonna 1<br>Data effettiva | Kolonna 2<br>żieda fil-paga |
|---|---|
| 1 ta' Jannar, 1990 | €6.99 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 1991 | €2.91 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 1992 | €3.49 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 1993 | €2.33 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 1994 | €3.49 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 1995 | €5.24 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 1996 | €4.66 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 1997 | €3.49 fil-ġimgħa |
| 1 ta' April, 1997 | €0.58 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 1998 | €3.49 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 1999 | €4.08 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2000 | €2.33 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2001 | €3.49 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2002 | €3.49 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2003 | €4.08 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2004 | €1.75 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2005 | €4.08 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2006 | €5.24 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2007 | €4.08 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2008 | €3.49 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2009 | €4.08 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2010 | €5.82 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2011 | €1.16 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2012 | €4.66 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2013 | €4.08 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2014 | €3.49 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2015 | €0.58 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2016 | €1.75 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2017 | €1.75 fil-ġimgħa |
| 1 ta' Jannar, 2018 | €1.75 fil-ġimgħa: |

(għandu jkun hemm żieda ulterjuri ta' €1 fil-ġimgħa bħala suppliment mandatorju:

Iżda illi il-€1 fil-ġimgħa bħala suppliment mandatorju għal 2018 ma għandux ikun żjieda addizzjonali fil-każ ta' ftehim kollettiv fejn iż-żjieda tal-għoli tal-ħajja hija meqjusa bħala parti

miż-żjieda fil-paga maqbula u stabbilita f'dak il-ftehim kollettiv:

Iżda wkoll f'dawk il-każijiet fejn iż-żjieda tal-għoli tal-ħajja għas-sena 2018 maqbula f'dak il-ftehim kollettiv hija anqas minn €2.75, għandha tingħata żjieda pro rata tas-suppliment mandatorju biex jintlaħaq l-*aggregate* ta' €2.75.):

Iżda meta l-kundizzjonijiet tal-impieg ta' impjegati *whole-time* ikunu koperti bi ftehim, li jkun jipprovdi għal aġġustamenti għall-għoli tal-ħajja, iż-żieda għall-għoli tal-ħajja għandha titħallas skond kull ftehim bħal dak, iżda ż-żieda ma għandha f'ebda każ tkun anqas minn dik speċifikata fil-Kolonna 2 ta' hawn fuq.

B'effett mis-sena 1995, ammont ta' €30.28, ekwivalenti għal €1.16 fil-ġimgħa għal sitt xhur, għandu wkoll jitħallas mill-prinċipali f'somma waħda f'daqqa fl-aħħar ta' Marzu lill-impjegati *whole-time* kollha li jkunu fuq il-kotba tagħhom f'dik id-data. Din is-somma tkun rikuperabbli mill-fondi dovuti lill-Gvern bħala taxxa fuq l-*income* u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Barra minn hekk, ammont ta' €60.56, ekwivalenti għal €2.33 fil-ġimgħa, għandu wkoll jitħallas mill-prinċipali f'somma waħda f'daqqa fl-aħħar ta' Settembru lill-impjegati *whole-time* kollha li jkunu fuq il-kotba tagħhom f'dik id-data. Din is-somma tkun rikuperabbli mill-fondi dovuti lill-Gvern bħala taxxa fuq l-*income* u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

**Rata fis-siegħa u żidiet għall-għoli tal-ħajja għal impjegati *part-time***

Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied bl-istess ammont taż-żjieda fir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli, ikkalkulata wara li tiġi inkluża ż-żjieda fil-ġimgħa speċifikata fit-Tabella ta' hawn fuq, jew fil-każijiet fejn ma jkun hemm ebda kategorija komparabbli ta'impjegati *whole-time* fil-post tax-xogħol, bir-rata fis-siegħa ta' impjegat *whole-time* komparabbli f'Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, jew fejn ma jkunx hemm Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi li jkun japplika, b'wieħed minn kull erbgħin tar-rata ta' żjieda kif speċifikat fit-Tabella ta' hawn fuq.